A.L. --- tal-2026

# ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT
# (KAP. 549)

## Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-ambjent, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**Titolu.**
**L.S. 549.89.**
**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (Tagħmir Elettriku u Elettroniku).

**Jemenda regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.**
**2.** Fil-paragrafu (b) tas-subregolament (4) tar-regolament 5, il-kliem "kif jista'jiġi determinat mill-awtorità kompetenti." għandu jiġi sostitwit bil-kliem "kif jista'jiġi determinat mill-awtorità kompetenti:" u immedjatament wara għandu jidħol dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda għat-tagħmir li jibdel it-temperatura li jaqa' fil-kategorija 1 ta' Skeda 3, l-allokazzjoni għandha tkun mqassma proporzjonalment skont is-subkategoriji msemmija hawn isfel abbażi tal-metodoloġija stabbilita fi Skeda 17:

(i) Refriġeraturi, friżi u tagħmir li jipprovdi prodotti kesħin b'mod awtomatiku;
(ii) Tagħmir tal-klimatizzazzjoni tal-arja; u
(iii) Tagħmir ieħor li jibdel it-temperatura."

**Iżid skeda ġdida mar-regolamenti prinċipali.**
**3.** Immedjatament wara Skeda 16 tar-regolamenti prinċipali għandha tiżdied din l-iskeda ġdida li ġejja:

"Skeda 17
(regolament 5)

METODOLOĠIJA BIEX TIĠI STABBILITA RATIO GĦALL-ALLOKAZZJONI TAS-SUBKATEGORIJI TAL-WEEE LI JAQA' F'KATEGORIJA 1

Għas-subkategoriji li jaqgħu f'kategorija 1, ir-ratio għall-allokazzjoni tal-WEEE għandha tkun determinata mill-Awtorità kif ġej:

(i) Sal-31 ta' Diċembru 2026, l-allokazzjoni tas-subkategoriji tal-WEEE li jaqa' f'kategorija 1 għandu jkun determinat fuq il-bażi tal-piż medju ta' EEE taħt kategorija 1 mqiegħed fis-suq mill- membri tal-organizzazzjonijiet dwar responsabbiltà ta' produttur fit-tlett snin preċedenti;

(ii) Għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2027 u t-30 ta' Ġunju 2027, l-allokazzjoni tas-subkategoriji tal-WEEE li jaqa' f'kategorija 1 għandu jkun determinat fuq il-bażi tal-piż medju ta' EEE taħt kull subkategorija mqiegħed fis-suq mill-membri tal-organizzazzjonijiet dwar responsabbiltà ta' produttur kif rappurtat mill-organizzazzjonijiet dwar responsabbiltà ta' produttur fir-rapport ta' kull sitt (6) xhur li jkopri l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2026 u t-30 ta' Ġunju 2026;

(iii) Għall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2027 u l-31 ta' Diċembru 2027, l-allokazzjoni tas-subkategoriji tal-WEEE li jaqa' f'kategorija 1 għandu jkun determinat fuq il-bażi tal-piż medju ta' EEE taħt kull subkategorija mqiegħed fis-suq mill- membri tal-organizzazzjonijiet dwar responsabbiltà ta' produttur kif rappurtat mill-organizzazzjonijiet dwar responsabbiltà ta' produttur fir-rapport annwali li jkopri l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2026 u l-31 ta' Diċembru 2026;

(iv) Għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2028 u l-31 ta' Diċembru 2028, l-allokazzjoni tas-subkategoriji tal-WEEE li jaqa' f'kategorija 1 għandu jkun determinat fuq il-bażi tal-piż medju ta' EEE taħt kull subkategorija mqiegħed fis-suq mill- membri tal-organizzazzjonijiet dwar responsabbiltà ta' produttur fis-sentejn preċedenti;

(v) Mill-1 ta' Jannar 2029 u għal kwalunkwe sena kalendarja sussegwenti, l-allokazzjoni tas-subkategoriji tal-WEEE li jaqa' f'kategorija 1 għandu jkun determinat fuq il-bażi tal-piż medju ta' EEE taħt kull subkategorija mqiegħed fis-suq mill- membri tal-organizzazzjonijiet dwar responsabbiltà ta' produttur fit tliet snin preċedenti."

DRAFT